

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Titolu eżekuttiv ewropew  
Titolu eżekuttiv ewropew

Slovakkja

### 1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

Skont l-Artikolu 21 tal-Att Nru 160/2015 (il-Kodiċi tal-Proċedura ta' Tilwim Ċivili (*Civilný sporový poriadok*)), il-qorti b'ġuriżdizzjoni biex tagħmel emendi u tirrevoka ċ-ċertifikati hija l-qorti li tat is-sentenza jew il-qorti li fiha ġiet approvata jew saret ir-riżoluzzjoni, fil-każ ta' sentenzi jew riżoluzzjonijiet.

### 2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art. 19 (1))

Skont it-termini tal-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament, il-qorti Slovakkja huma awtorizzati jirrieżaminaw sentenzi skont l-Artikoli 335 - 457 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. B'konformità mal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament, il-qorti jirrieżaminaw is-sentenzi skont l-Artikolu 122 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (eżenzjoni mill-iskadenza wara li jgħaddi ż-żmien stipulat).

L-Artikoli 355 - 457 li jirregolaw proċeduri ta' appell individwali (appell, ritrattazzjoni u appell straordinarju). L-ammissibilità tal-appelli, id-dettalji li għandu jkun fih ir-rikors tal-appell, l-azzjoni li jridu jieħdu l-qorti u l-proċeduri tal-qorti għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar appelli huma rregolati minn dispożizzjonijiet individwali.

Id-dispożizzjonijiet individwali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jinsabu fi [Slov-lex.sk](http://Slov-lex.sk)

### 3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

Il-lingwa aċċettata skont l-Artikolu 20(2)(c) tar-Regolament hija s-Slovakk (fir-Repubblika Slovakkja).

### 4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

Skont l-Artikolu 21(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-qorti reġjonali (*krajský súd*) bil-ġuriżdizzjoni għal-legalizzazzjoni tad-dokumenti ġudizzjarji b'konformità mal-Artikolu 62 tal-Att Nru 97/1963 dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u r-Regoli ta' Proċedura, kif emendat, għandha l-ġuriżdizzjoni għall-fruġ, l-emendar u r-revoka ta' ċertifikati skont leġiżlazzjoni speċjali relatata ma' att pubbliku.

Il-qorti reġjonali għandha l-ġuriżdizzjoni biex tillegalizza d-dokumenti ġudizzjarji jew toħroġ postilla jekk id-dokumenti kkonċernati jkunu nħarġu minn qorti distrettwali, nutara jew uffiċjali ġudizzjarji bbażati fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti reġjonali, jekk l-awtentiċità tad-dokumenti tkun ġiet ivverifikata jew l-awtentiċità tal-firma tad-dokument tkun ġiet ivverifikata, u jekk id-dokumenti jkunu traduzzjonijiet prodotti minn tradutturi uffiċjali jew rapporti mfassla minn esperti.

L-Att Nru 97/1963 jinsab fi [Slov-lex.sk](http://Slov-lex.sk)

L-aħħar aġġornament: 26/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.